

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16905/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0103 (COD)**

CODEC 2152
INDEF 186
COPS 692
POLMIL 439
IND 626
MAP 164
FIN 1564
ECOFIN 1754
RECH 561
DIGIT 277
TRANS 653
SIMPL 214
PE 110

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795, fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-15 sat-18 ta' Diċembru 2025)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), Borys BUDKA (PPE, PL) ippreżenta, fisem il-Kumitat ITRE, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha Rihards KOLS (ECR, LV) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-grupp politiku "The Left" ressaq emenda biex jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni (l-emenda numru 3) u l-grupp politiku Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani (ESN) ressaq żewġ emendi (l-emendi 4 u 5) għall-abbozz ta' att legiżlattiv².

II. VOT

Meta vvotat fis-16 ta' Diċembru 2025, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 2) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument^{3*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li għie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Skont l-Artikolu 60(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew grupp jew il-limitu baxx jistgħu jitolbu li ssir votazzjoni fil-plenarja fuq l-emendi għall-abbozz ta' att leġiżlattiv minflok fuq il-ftehim proviżorju.

³ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2025)0320

L-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe (COM(2025)0188 – C10-0070/2025 – 2025/0103(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0188),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114, 164, 172 u 173, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikoli 176, 177, 178, 182, 183 u 188 u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0070/2025),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 164 u 172, l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikoli 177 u 178, l-Artikolu 182(1) u (4), l-Artikolu 183, l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2025¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta' Ottubru 2025²,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta' Novembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60, 41 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u tal-Kumitat għat-Trasport u

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² ĠU C, C/2025/6325, 3.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/6325/oj>.

t-Turiżmu,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A10-0172/2025),
 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Diċembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153 u (UE) 2024/795, fir-rigward tal-inċentivar ta' investiment relatat mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 164 u 172, *l-Artikolu 173(3)*, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikoli 177 u 178, *l-Artikolu 182(1) u (4)*, *l-Artikolu 183*, *l-Artikolu 188*, *it-tieni paragrafu*, u *l-Artikolu 192(1)* tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ L-Opinjoni tat-18 ta' Settembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² ĠU C, C/2025/6325, 3.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/6325/oj>.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025.

Billi:

- (1) L-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u d-deterjorament rapidu tal-livelli reġjonali u globali ta' theddid **u sigurtà, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, li esponiet lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha għal riskju għoli ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali, jirrikjedu** żieda urġenti u sinifikanti fl-infiq tal-Unjoni fuq ir-riċerka, **l-innovazzjoni** u l-iżvilupp, il-kapaċità industrijali u l-iżvilupp ta' infrastruttura marbuta **mar-reżiljenza**, is-sigurtà u d-difiża. **Il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) qed tiffaċċja ostakli persistenti fl-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari l-finanzjament privat għall-investment, minħabba r-riskji li l-atturi tas-suq jassoċjaw ma' tali investment. Għaldaqstant, l-ingranaġġ tal-investment pubbliku relatat mad-difiża huwa essenzjali. Għalhekk**, kif identifikat fil-White Paper Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Marzu 2025 għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 (il-“White Paper Konġunta”), li tipprovdi qafas għall-Pjan ReArm Europe, jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel aktar biex tappoġġa l-ħtieġa urġenti li jżied l-investment Ewropew relatat mad-difiża bil-baġit tal-Unjoni, **flimkien ma' iżidiet fl-infiq għad-difiża nazzjonali mill-Istati Membri.**

L-ingranaġġ tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni biex jappoġġaw teknoloġiji u prodotti b'użu doppju u relatati mad-difiża jservi bħala pass lejn il-prontezza tad-difiża Ewropea. Tali ingranaġġ huwa maħsub ukoll biex itejjeb il-kooperazzjoni ċivili-militari fl-Istati Membri, fid-dawl tal-effetti konsegwenzjali ta' benefiċċju reċiproku. L-azzjonijiet appoġġati mill-programmi tal-Unjoni kkonċernati jistgħu jqisu kif xieraq l-attivitajiet rilevanti mwettqa mill-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) u sħab oħra meta tali attivitajiet iservu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.

- (2) *Jenħtieġ li jiġi promoss l-investiment fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet b'użu doppju mill-aktar avvanzati, peress li tali investiment jikkontribwixxi għall-oġġettivi usa' tal-Unjoni b'rabta mar-reżiljenza tas-soċjetà, is-sigurtà u l-kompetittività. L-iżvilupp tal-industriji b'użu doppju u tad-difiża fl-Unjoni kollha, filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati mad-deterjorament akbar tal-kuntest tas-sigurtà tal-Unjoni, huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għal EDTIB robusta u reżiljenti u jibbenefikaw minnha.*

- (3) Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), li ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, hija inizzjattiva li għandha l-għan li tagħti spinta lill-kompetittività tal-Unjoni billi timmobilizza fondi minn 11-il programm eżistenti tal-Unjoni lejn teknoloġiji kritiċi fi tliet setturi strateġiċi: it-teknoloġiji diġitali u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda, it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, u l-bijoteknoloġiji. Tabilħaqq, STEP hija mezz tajjeb biex jiġu mobilizzati, b'mod koordinat u sinerġetiku, ir-riżorsi tal-Unjoni lejn id-difiża, inklużi teknoloġiji diġitali ewlenin mill-aktar avvanzati li huma meħtieġa għall-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

(4) Filwaqt li l-appoġġ għat-teknoloġiji b'implikazzjonijiet ta' difiża llum huwa possibbli taħt it-tliet setturi strateġiċi eżistenti identifikati fl-iSTEP, jidher li huwa meħtieġ li jiżiedu l-potenzjalitajiet tal-iżvilupp tar-riċerka, l-industrija u l-innovazzjoni fis-settur tad-difiża billi jiġi stabbilit ir-raba' settur strateġiku fl-iSTEP, *iffukat* fuq it-teknoloġiji tad-difiża mingħajr ma tiġi kompromessa t-tmexxija teknoloġika maħsuba tal-Unjoni fis-setturi eżistenti. Jenħtieġ li dan ir-raba' settur strateġiku jiżgura li l-inċentivi tal-iSTEP jintużaw biex jiżied il-finanzjament tal-Unjoni f'teknoloġiji innovattivi tad-difiża bl-għan li jirrispondu b'mod effettiv għat-theddidiet attwali u emerġenti u li jikkontribwixxu għall-kompetittività Ewropea skont l-oġettivi tal-iSTEP. It-teknoloġiji tad-difiża jenħtieġ li jinftiehm u bħala dawk inkorporati fil-prodotti tad-difiża, jew *meħtieġa għall-iżvilupp u l-manifattura tagħhom, inkluż il-prodotti relatati mad-difiża* msemmija fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. *B'mod konsistenti mal-approċċ applikat għat-tliet setturi l-oħra stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/795, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna l-gwida prevista f'dak ir-Regolament biex jiġi kopert ir-raba' settur strateġiku, inkluż l-interpretazzjoni tat-teknoloġiji tad-difiża* . Fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, jenħtieġ li l-Gigafabbriki tal-IA jsiru infrastrutturi ewlenin għall-fini ta' espansjoni rapida tas-setgħa tal-IA fit-teknoloġiji tad-difiża.

⁵ Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146 10.6.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj>).

- (5) Barra minn hekk, sabiex tiġi ottimizzata l-kapaċità tal-programmi koperti mill-iSTEP biex jimmobilizzaw ir-riżorsi tal-Unjoni lejn **il-ħtiġijiet tad-difiża**, huwa meħtieġ li jiġi kkjarifikat li dawk il-programmi jistgħu jsegwu objettivi u attivitajiet li huma relatati mat-titjib tal-kompetittività **u tar-reżiljenza tal-EDTIB** kif ukoll l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-difiża.
- (6) Orizzont Ewropa, li ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, huwa l-programm ta' finanzjament tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, **u jiżvolġi rwol ċentrali fit-tmexxija xjentifika u teknoloġika globali tal-Unjoni**. L-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council), li ġie stabbilit b'dak ir-Regolament, jipprovdi appoġġ, b'mod partikolari, għal innovazzjonijiet b'potenzjal rivoluzzjonarju u ta' natura fixkiela b'potenzjal ta' scale-up li jista' jkun riskjuż wisq għall-investituri privati. L-intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs), **in-negozji ġodda u xi mid-caps żgħar**li joperaw fis-settur tad-difiża jirrikjedu finanzjament għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

Madankollu, tali entitajiet ġuridiċi jiffaċċjaw ostakli oġhla biex jaċċessaw il-finanzjament, meta mqabbel ma' **entitajiet** ġuridiċi f'setturi oħra. **Kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta, huwa meħtieġ li tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea, minħabba li l-Ewropa bħalissa qed tiġi affettwata mill-gwerer, aggressjoni u atti ostili oħra. Għal dak l-għan, hija meħtieġa żieda sostanzjali fl-appoġġ għall-innovazzjoni b'impatt għoli u relatata mad-difiża, inkluż l-appoġġ tant meħtieġ għall-SMEs, għan-negozji ġodda u għal xi mid-caps żgħarri lesti jespandu tali innovazzjonijiet b'impatt għoli relatati mad-difiża. Madankollu, l-arkitettura attwali tal-programmi tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), ma tipprovdix l-iskala, il-flessibbiltà jew il-ħeffa meħtieġa biex tali appoġġ jiġi mobilizzat b'mod effettiv u f'waqtu. L-arkitettura attwali tista' toħloq inċertezzi għall-entitajiet ġuridiċi fis-settur tad-difiża fir-rigward tal-aċċess għall-appoġġ għat-teknoloġiji b'applikazzjonijiet potenzjali b'użu doppju. Minħabba s-severità tat-theddida għall-ambjent attwali, it-teħid ta' miżuri straordinarji huwa ġġustifikat u meħtieġ.**

Filwaqt li l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża jitwettaq permezz tal-EDF, li huwa programm speċifiku ta' Orizzont Ewropa, huwa xieraq, ***abbażi tal-kuntest strateġiku attwali***, li l-Aċċelleratur tal-EIC jinfetaħ għal azzjonijiet b'applikazzjonijiet potenzjali b'użu doppju, ***filwaqt li jiġi avvanzat l-użu tal-applikazzjonijiet ċivili***. Jenħtieġ li l-appoġġ għall-iscale-ups taħt ***l-Iskema għall-Iscale-ups, STEP*** ("l-Iskema") tal-Aċċelleratur tal-EIC, jiġi estiż ukoll għal SMEs mhux bankabbli, inklużi n-negozji ġodda u l-mid-caps żgħar mhux bankabbli, bħall-entitajiet li diġà rċevew appoġġ mill-Aċċelleratur li jwettqu innovazzjoni trasformattiva u rivoluzzjonarja mhux bankabbli ***f'teknoloġiji kritiċi*** tad-difiża ***filwaqt li jrawmu, fejn xieraq, l-innovazzjonijiet b'potenzjal ta' użu doppju***. ***L-appoġġ għall-iscale-up fil-forma ta' investiment dirett fl-ekwità, fejn il-finanzjament jiġi pprovdut direttament lill-kumpaniji, mhuwiex disponibbli fil-qafas tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti ffukati fuq id-difiża, b'mod partikolari l-EDF u l-Faċilità tal-Ekwità tad-Difiża mħaddma taħt il-programm InvestEU.***

Għalhekk, il-ftuħ tal-Iskema għall-innovazzjoni f'teknoloġiji kritiċi tad-difiża huwa meħtieġ biex jiġu appoġġati l-entitajiet ġuridiċi li jinvestu fis-settur tad-difiża, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' strumenti eżistenti oħra tal-Unjoni. Dan jiġġustifika l-istabbiliment ta' eċċezzjoni mmirata fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali għall-prinċipju li huwa stabbilit fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2021/695, li jipprevedi li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt Orizzont Ewropa għandhom fokus esklużiv fuq l-applikazzjonijiet ċivili, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni mhux meħtieġa. L-eċċezzjoni mmirata hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati li ġejjin fil-kuntest tal-QFP li jmiss. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura sorveljanza xierqa tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni mmirata, inkluż permezz tal-ġbir u tar-rapportar ta' data xierqa, fil-kuntest ta' monitoraġġ u evalwazzjoni eżistenti tal-EIC, mingħajr ma toħloq piżijiet amministrattivi addizzjonali għall-parteciċipanti.

(7) *Peress li l-attivitajiet ta' innovazzjoni b'applikazzjonijiet ta' użu doppju jistgħu jaffettwaw l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni jew l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jista' jkun meħtieġ li r-regoli ta' eliġibbiltà jiġu adattati, fil-programmi ta' ħidma rilevanti taħt Orizzont Ewropa, biex il-parteċipazzjoni tkun tista' tiġi limitata għal entitajiet ġuridiċi stabbiliti biss fl-Istati Membri jew għal entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati speċifikati flimkien mal-Istati Membri, jew li tiġi eskluża l-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi li huma stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati u li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ġuridiċi ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. Jenħtieġ għalhekk li l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) 2021/695 jiġi emendat biex jippermetti tali possibbiltà. Il-possibbiltà li jiġu adattati r-regoli ta' eliġibbiltà fil-programmi ta' ħidma rilevanti hija speċifika għal attivitajiet ġodda ta' innovazzjoni li għandhom applikazzjonijiet b'użu doppju u ma taffettwax ir-regoli li jirregolaw l-appoġġ għall-attivitajiet b'applikazzjonijiet ċivili taħt Orizzont Ewropa jew il-finanzjament ta' tali attivitajiet.*

(8) *Peress li l-attivitajiet ta' innovazzjoni fit-teknoloġiji kritiċi tad-difiża jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi ta' eliġibbiltà li jiżguraw il-konsistenza ma' strumenti oħra tal-Unjoni fis-settur tal-industrija tad-difiża u li jqisu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.*

Tali regoli speċifiċi ta' eliġibbiltà jenħtieġ li jillimitaw il-parteċipazzjoni għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, fl-Ukrajna, jew f'membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huwa membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (membru taż-ŻEE) u li huwa assoċjat ma' Orizzont Ewropa. Dawk ir-regoli jenħtieġ li jeskludu l-parteċipazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiż terz għajr l-Ukrajna jew membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa, jew minn entitajiet ġuridiċi ta' tali pajjiż terz. Madankollu, entità ġuridika stabbilita fl-Unjoni, jew f'membri taż-ŻEE assoċjat ma' Orizzont Ewropa, u li tkun ikkontrollata minn pajjiż terz għajr l-Ukrajna jew membru taż-ŻEE assoċjat ma' Orizzont Ewropa, jew minn entità ġuridika ta' pajjiż terz għajr l-Ukrajna jew membru taż-ŻEE assoċjat ma' Orizzont Ewropa jenħtieġ li tkun eliġibbli biex tkun benefiċjarju, dment li l-garanziji approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali tal-Istat Membru jew tal-membri taż-ŻEE li fih tkun stabbilita l-entità ġuridika jsiru disponibbli għall-Kummissjoni.

- (9) ***Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa urġenti u straordinarja li jkomplu jissaħħu s-sovranità u s-sigurtà tal-Unjoni kif previst fir-Regolament (UE) 2024/795, u sabiex jiġu żgurati l-mobilizzazzjoni u l-investiment mill-ġdid rapidi tar-riżorsi finanzjarji f'setturi kritiċi, inklużi proġetti b'użu doppju u tad-difiża taħt l-Aċċelleratur tal-EIC taħt Orizzont Ewropa, jixraq li ssir deroga mill-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ (ir-“Regolament Finanzjarju”).***
- Minħabba dawk iċ-ċirkostanzi u l-ħtieġa ta' disponibbiltà rapida tal-fondi, huwa partikolarment meħtieġ li l-ħlasijiet lura, inklużi l-avvanzi rimborżati, id-dħul u l-ammonti mhux użati netti tat-tariffi u l-kostijiet tal-komponent ta' investiment ta' finanzjament imħallat tal-EIC tal-Proġett Pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020 ikunu jistgħu jiġu investiti mill-ġdid fil-Fond tal-EIC aktar milli diretti lejn il-baġit tal-Unjoni, sabiex jiġu ffinanzjati proġetti b'applikazzjonijiet ċivili, kif ukoll proġetti b'użu doppju u ta' difiża li jibbenefikaw mill-kamp ta' applikazzjoni emendat ■ . Jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien li huwa stabbilit fl-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju jiġi emendat biex tiġi żgurata implimentazzjoni sinifikanti f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Biex ikun hemm dik il-possibbiltà, huwa meħtieġ li tiġi introdotta deroga minn dik id-dispożizzjoni.***

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (10) L-EDF, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, huwa l-programm ewlieni għat-tisħiħ tal-kompetittività, l-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-awtonomija teknoloġika tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. L-EDF għandu l-għan li jappoġġa azzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża. Sabiex jiġu indirizzati aħjar l-ispeċifikitajiet ta' tali azzjonijiet, bħal jekk għandhomx skala partikolarment żgħira jew il-ħtieġa partikolari għal appoġġ rapidu, jixraq li ***jitqassru b'mod sinifikanti*** u jiġu ssimplifikati l-proċeduri biex tittieħed deċiżjoni dwar l-appoġġ għal dawk l-azzjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin jitfasslu l-kundizzjonijiet għad-deċiżjoni dwar tali appoġġ fil-programm ta' ħidma ***u mingħajr ma jiġi mminat il-prinċipju ta' eċċellenza***.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170 12.5.2021, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj>).

- (11) Jeħtieġ ukoll li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn l-EDF u programmi oħra tal-Unjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra li jipprovdu kontribuzzjonijiet volontarji għall-EDF, bħala dħul assenjat estern. Jenħtieġ li jkunu possibbli trasferimenti volontarji ta' riżorsi allokat li l-Istati Membri f'ġestjoni kondiviża għall-EDF u l-kombinament ta' kontribuzzjonijiet mill-EDF ma' programmi oħra tal-Unjoni għal azzjonijiet speċifiċi, dment li l-appoġġ kumulattiv tal-Unjoni ma jkunx jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni.

(12) *Fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew iddeċieda jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Ukrajna, li esprimiet rieda qawwija li torbot ir-rikostruzzjoni mar-riformi fil-perkors Ewropew tagħha. Fil-15 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jiftaħ negozjati ta' adeżjoni mal-Ukrajna u ddikjara li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jikkontribwixxu, fit-tul u flimkien mas-sħab, għall-impenji ta' sigurtà għall-Ukrajna li se jgħinu lil din tal-aħħar tiddefendi lilha nnifisha, tirreżisti l-isforzi ta' destabbilizzazzjoni u tiskoraġġixxi atti ta' aggressjoni fil-futur. L-appoġġ qawwi lill-Ukrajna huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni u rispons xieraq għall-impenn politiku qawwi tal-Unjoni biex tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ.*

Fil-5 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni pproponiet li jinħoloq Strument (l-“Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna”) biex tiġi indirizzata l-ħsara kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja lill-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna (id-“DTIB tal-Ukrajna”) u biex jiġu appoġġati r-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tagħha, filwaqt li titqies l-integrazzjoni futura possibbli tagħha fl-EDTIB. Id-DTIB tal-Ukrajna żviluppat b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni tagħha mill-bidu tal-invażjoni Russa fuq skala sħiħa tal-Ukrajna sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tal-forzi armati tal-Ukrajna. F'dak il-kuntest, l-iżgurar ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-EDTIB u d-DTIB tal-Ukrajna jippermetti li l-EDTIB ikollha aċċess għal dawk il-kapaċitajiet u jikkontribwixxi għall-objettiv li jiġrawmu l-kompetittività u l-innovazzjoni tal-EDTIB, filwaqt li jkun hemm konsistenza mal-appoġġ kontinwu tal-Unjoni għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-manifattura tad-difiża tal-Ukrajna. Għaldaqstant, fid-dawl tal-objettivi u l-għanijiet komuni tal-Unjoni u tal-Ukrajna b'rabta mar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża u fid-dawl tal-benefiċċji għaż-żewġ naħat li jistgħu jkunu mistennija minn integrazzjoni aktar mill-qrib f'dak ir-rigward, jixraq li l-Ukrajna tiġi assoċjata mal-EDF.

- (13) Il-Programm Ewropa Diġitali (DEP), stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, għandu l-għan li jappoġġa u jaċċellera t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà Ewropea u li jtejjeb il-kompetittività tal-Ewropa fl-ekonomija diġitali globali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-programm ikollu l-għan li jappoġġa, b'mod partikolari, proġetti, servizzi u kompetenzi b'applikazzjoni potenzjali b'użu doppju skont l-oġettivi speċifiċi kollha tiegħu. ***Dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà tal-Unjoni fid-dawl tal-attakki ibridi u l-indħil barrani li għaddejjin bħalissa. Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza strateġika tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-faċilitazzjoni tat-trasferimenti tat-teknoloġija bejn l-Istati Membri fi proġetti b'użu doppju fis-settur diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis id-dimensjoni trans-Ewropea meta taġġudika proġetti b'użu doppju. Għalhekk jixraq li dan il-kriterju tal-aġġudikazzjoni jsir obligatorju għall-proġetti b'użu doppju.***

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166 11.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/oj>).

- (14) Biex jissaħħu s-sovranità teknoloġika u l-kompetittività, l-Unjoni teħtieġ l-infrastrutturi tal-computing, tal-cloud u tad-data meħtieġa mit-tmexxija tal-IA. Bħala parti mill-istrategġja għall-Kontinent tal-IA, il-fabbriki u l-Gigafabbriki tal-IA huma essenzjali biex l-Unjoni tkun tista' tikkompeti fil-livell globali u tiżgura l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tagħha fix-xjenza, fir-riċerka ***b'potenzjal ta' użu doppju*** u fis-setturi industrijali kritiċi, inkluża l-industrija tad-difiża. Il-mudelli tal-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss jirrikjedu infrastruttura tal-computing konnessa estensiva għal innovazzjonijiet f'oqsma speċifiċi inkluża d-difiża. Għalhekk, fl-Objettiv Speċifiku 1 – Computing ta' Prestazzjoni Għolja tad-DEP, jixraq li jiżdied objettiv operazzjonali supplimentari ddedikat għall-implimentazzjoni u l-operat tal-Fabbriki tal-AI u l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Gigafabbriki tal-IA li jkunu speċjalizzati fl-iżvilupp, fit-taħriġ u t-tħaddim tal-mudelli u l-applikazzjonijiet tal-IA l-aktar kumplessi u kbar ħafna, inklużi l-hardware u s-software meħtieġa għal din l-implimentazzjoni.

- (15) ***L-esponiment li qed jintensifika għat-theddid ċibernetiku u ibridu fl-Unjoni jiġġustifika ż-żieda ta' fokus espliċitu fuq ir-reżiljenza kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu taħt l-Objettiv Speċifiku 3 tad-DEP.*** Fl-Objettiv Speċifiku 5 tad-DEP – L-Implimentazzjoni u l-Aħjar Użu tal-Kapaċità Diġitali u l-Interoperabbiltà, jeħtieġ ukoll li, fl-objettiv operazzjonali definit biex jiġi appoġġat is-settur pubbliku u l-oqsma ta' interess pubbliku, tiżdied referenza għad-difiża sabiex jiġi kkjarifikat li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont dan l-objettiv tista' tiġi estiża għal dak is-settur.
- (16) ***Jista' jkun meħtieġ ukoll li r-regoli ta' eliġibbiltà fil-programm ta' ħidma tad-DEP jiġu adattati għal *każijiet speċifiċi u debitament ġustifikati*, sabiex l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati jew stabbiliti fl-Unjoni iżda kkontrollati minn pajjiżi terzi, ma jkunux eliġibbli biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet kollha jew f'xi wħud minnhom li huma ffukati fuq teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju skont kwalunkwe objettiv speċifiku. *Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni li tippermetti possibbiltà bħal din.**** F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li s-sejħiet għal proposti u s-sejħiet għall-offerti jkunu ristretti għal entitajiet ġuridiċi stabbiliti jew meqjusa li huma stabbiliti fl-Unjoni u kkontrollati mill-Istati Membri jew minn ċittadini tal-Istati Membri.

- (17) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, għandha l-għan li taċċellera l-investiment fil-qasam tan-networks trans-Ewropej, filwaqt li tippermetti sinerġiji bejn is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali. Sabiex tiġi appoġġata l-infrastruttura tal-computing konnessa, li hija meħtieġa mill-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża u lil hinn minn dawk l-oqsma, jenħtieġ li l-oġġettivi tas-settur diġitali tal-FNE f' dak ir-Regolament jiġu estenzi għall-implimentazzjoni u l-forniment ta' kapaċitajiet diġitali bħall-cloud, l-IA, *il-fabbriki tal-IA* u l-Gigafabbriki tal-IA.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249 14.7.2021, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj>).

- (18) ■ Il-White Paper Konġunta rrikonoxxiet il-mobbiltà militari bħala faċilitatur essenzjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropea u enfasizzat il-valur miżjud tal-Unjoni fl-appoġġ għall-infrastruttura b'użu doppju għall-mobbiltà. *Fil-kuntest tal-White Paper Konġunta, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli rrikonoxxew l-importanza li jiġu identifikati proġetti ta' hot spot tal-mobbiltà militari u li jitneħħew il-lakuni u l-konġestjonijiet ewlenin tul l-erba' Kurituri tal-Mobbiltà Militari Prijoritarji tal-UE.* Il-mobbiltà militari hija wkoll wieħed mill-objettivi tal-FNE. *Il-politika tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) isservi bħala strument strateġiku ewlieni biex tinbena l-infrastruttura tat-trasport transfruntiera tal-Unjoni. Minkejja li oriġinarjament kien maħsub għal skopijiet ċivili, għandu wkoll potenzjal notevoli għall-użu doppju tad-difiża u dak ċivili. Barra minn hekk, ir-rapport ta' Niinistö tat-30 ta' Ottubru 2024 dwar it-Tisħiħ tal-Preparatezza u tal-Prontezza Ċivili u Militari tal-Ewropa jirreferi speċifikament għall-ħtieġa li tiġi intensifikata aktar il-ħidma fuq il-kurituri prijoritarji tat-trasport b'użu doppju għall-movimenti militari u l-estensjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-fjuwil għall-forzi armati tul dawk il-kurituri. Minħabba l-importanza li tissaħħaħ l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju ■ fid-dawl tal-kuntest tas-sigurtà tal-Unjoni li qed jiddeterjora, jixraq li jiġi ċċarat li attivitajiet speċifiċi fl-azzjonijiet taħt l-Objettiv Speċifiku 3(2) tal-FNE jistgħu, fejn rilevanti, jinkludu miżuri biex tiġi ssalvagwardjata l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fir-rigward tal-kontromobbiltà militari jew biex tiġi pprovduta infrastruttura tal-fjuwil għall-użu doppju tad-difiża u dak ċivili.*

(19) *Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, li t-tnejn huma stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, introduċa l-possibbiltà li jsir investiment fl-infrastruttura tad-difiża jew dik b'użu doppju biex titrawwem il-mobbiltà militari li tibbenefika minn prefinanzjament ta' 20 % tal-ammonti programmati u l-possibbiltà li jiġi applikat finanzjament mill-Unjoni li jiżdied b'10 punti perċentwali ogħla mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, u li ma jaqbiżx il-100 %. Fejn l-Istati Membri jitransferixxu fl-FNE riżorsi allokatilhom b'għestjoni kondiviża, jenħtieġ li huma jibbenefikaw mill-istess kundizzjonijiet rigward ir-rati tal-prefinanzjament u tal-kofinanzjament għal proġetti tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju kif introdotti fil-FEŻR u fil-Fond ta' Koeżjoni. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawk l-ammonti jkunu riżervati għal proġetti li jiżviluppaw il-Kurituri tal-Mobbiltà Militari Prijoritarji tal-UE identifikati mill-Istati Membri fl-Anness II għar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha, kif approvat mill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2025, jew kwalunkwe verżjoni aktar riċenti ta' dak l-anness approvat mill-Kunsill, kif ukoll il-konnettività u l-kapaċitajiet diġitali, inklużi ċ-ċentri loġistiċi u s-sezzjonijiet transfruntiera ta' dawk il-kurituri. Ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi possibbiltà li jiġu introdotti kundizzjonijiet għall-partekipazzjoni fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni speċifiċi li jaffettwaw is-sigurtà u l-ordni pubbliku.*

¹¹ *Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231 30.6.2021, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj>).*

Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu previsti tali kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' azzjonijiet li jinsabu f'wieħed jew aktar mill-Kurituri tal-Mobbiltà Militari Prijoritarji tal-UE, inklużi kundizzjonijiet relatati mal-pajjiż ta' orġini tat-tagħmir, tal-oġġetti, tal-provvisti jew tas-servizz.

- (20) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jsaħħaħ l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp *fl-użu doppju* u d-difiża, itejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni u għalhekk jikkontribwixxi *għall-prontezza tad-difiża* tal-Unjoni billi jiffoka mill-ġdid l-investimenti ta' dawn il-prijoritajiet kritiċi, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (21) Minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġu permessi investimenti kruċjali fid-difiża fil-kuntest ta' sfidi ġeopolitiċi urġenti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (22) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153 u (UE) 2024/795 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/694 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) *li* jappoġġa *u jaċċellera* proġetti, servizzi, kompetenzi u applikazzjonijiet b’użu doppju, *filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà*.”;

(2) fl-Artikolu 4(1), jiżdied il-punt li ġej:

“(d) timplimenta u topera Fabbriki tal-IA u Gigafabbriki tal-IA ta’ ġenerazzjoni ġdida li jkunu speċjalizzati fl-iżvilupp, fit-taħriġ u fit-tħaddim tal-mudelli u l-applikazzjonijiet tal-IA l-aktar kumplessi u kbar ħafna, inklużi l-hardware u s-software meħtieġa għal tali implimentazzjoni.”;

(3) *l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:*

(a) fil-paragrafu 1, il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “(e) ittejjeb ir-reżiljenza kontra t-theddiet ċibernetiċi u ibridi kontra l-infrastruttura diġitali kritika u l-attakki ċibernetiċi, tikkontribwixxi biex jiżdedu l-għarfien dwar ir-riskji u l-għarfien tal-proċessi taċ-ċibersigurtà, tappoġġa lill-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex jiksbu l-livelli bażiċi ta' ċibersigurtà, pereżempju billi jimplimentaw kriptaġġ minn tarf sa tarf tal-aġġornamenti tad-data u tas-software;*
- (f) ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-isferi ċivili u tad-difiża fir-rigward ta' proġetti, servizzi, kompetenzi u applikazzjonijiet b'użu doppju fiċ-ċibersigurtà, inkluż l-iżvilupp ta' teknoloġiji taċ-ċibersigurtà mfassla apposta għall-infrastruttura relatata mad-difiża, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;*

** Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/887/oj>).”;*

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- ‘2. L-azzjonijiet skont l-Objettiv Speċifiku 3 għandhom ikunu implimentati primarjament permezz taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u tan-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/887. Madanakollu, ir-Riżerva tal-UE għaċ-Ċibersigurtà għandha tiġi implimentata mill-Kummissjoni u, f'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2025/38, minn ENISA.’;*

(4) fl-Artikolu 8(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tappoġġa lis-settur pubbliku u oqsma ta' interess pubbliku, b'has-saħħa u l-kura, l-
edukazzjoni, il-ġudikatura, id-dwana, ***il-protezzjoni ċivili***, id-difiża, it-trasport, il-
mobbiltà, l-enerġija, l-ambjent, is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż in-negozji
rilevanti stabbiliti fi ħdan l-Unjoni, biex effettivament jimplimentaw u jaċċessaw
teknoloġiji diġitali mill-aktar avvanzati, b'ħall-HPC, il-kwantum, l-IA u ċ-
ċibersigurtà;”;

(5) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi wkoll li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati u entitajiet ġuridiċi li jkunu stabbiliti fl-Unjoni iżda li jkunu kkontrollati minn pajjiżi terzi ma jkunux eliġibbli biex jipparteċipaw fl-azzjonijiet kollha jew uħud minnhom taħt l-Objettiv Speċifiku 3 ■ u f'azzjonijiet iffukati fuq teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju taħt kwalunkwe objettiv speċifiku ***għal raġunijiet ta' sigurtà debitament ġustifikati***. F'każijiet bħal dawn, is-sejħiet għall-proposti u s-sejħiet għall-offerti għandhom ikunu ristretti għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti jew meqjusa li huma stabbiliti fl-Istati Membri u kkontrollati mill-Istati Membri jew minn ċittadini tal-Istati Membri. Tali restrizzjonijiet jistgħu jiġu applikati għall-aċċess għall-kapaċitajiet implimentati taħt tali sejħiet. ***Dawk ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati u applikati biss fejn ikun strettament meħtieġ.***”;

(6) *fl-Artikolu 20(1), jiżdied il-punt li ġej:*

“(d) għal sejħiet għall-proposti maħsuba biex jappoġġaw teknoloġiji, servizzi, kompetenzi jew applikazzjonijiet b'użu doppju, id-dimensjoni trans-Ewropea tal-proġett.”;

(7) *fl-Objettiv Speċifiku 5, il-punt I tal-Anness I, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“4. It-trasport, il-mobbiltà, l-enerġija u l-ambjent

Jiġu implimentati soluzzjonijiet deċentralizzati u infrastruttura meħtieġa għal applikazzjonijiet diġitali fuq skala kbira bħal sewqan awtomatizzat konness, vetturi tal-ajru, tal-art, tal-wiċċ u ta' taħt l-ilma mingħajr bdot abbord, kunċetti ta' mobbiltà intelliġenti, bliet intelliġenti, żoni rurali intelliġenti jew reġjuni ultraperiferiċi, b'appoġġ għall-politiki tat-trasport, tal-enerġija u tal-ambjent u f'koordinazzjoni mal-azzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi tat-trasport u tal-enerġija taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.”.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) 2021/695 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 46, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-ħlasijiet lura, inklużi l-avvanzi rimborżati, id-dħul u l-ammonti mhux użati netti mit-tariffi u l-kostijiet, tal-finanzjament imħallat tal-EIC tal-Proġett Pilota tal-EIC taħt Orizzont 2020, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat intern f’konformità mal-Artikolu 21(3), il-punt (f), u l-Artikolu 21(4) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u r-restrizzjoni taż-żmien ta’ sentejn stabbilita fl-Artikolu 212(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għandha tapplika minn ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju].

* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).”;

(2) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) ***fil-paragrafu 1***, wara t-tieni subparagrafu jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

“Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 7(1), l-appoġġ imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tat-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu jista’ jinkludi applikazzjonijiet potenzjali b’użu doppju, ***filwaqt li jiġi avvanzat l-użu tal-applikazzjonijiet ċivili.***”

Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 7(1), l-appoġġ imsemmi fil-punt (d) tat-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu jista’ jinkludi innovazzjoni f’teknoloġiji kritiċi ***tad-difiża msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(iv), tar-Regolament STEP, filwaqt li jrawwem, fejn xieraq, innovazzjonijiet b’potenzjal ta’ użu doppju.***”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. L-applikazzjoni tad-derogi għall-Artikolu 7(1) previsti fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandha tiġi inkluża fil-monitoraġġ tal-Kummissjoni tal-Programm skont l-Artikolu 50.”

(c) *il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“2. Il-benefiċjarju tal-Aċċeleratur għandu jkun entità ġuridika li tikkwalifika bħala negozju ġdid, SME jew, f'każijiet eċċezzjonali, bħala mid-cap iżgħira li jkollha l-intenzjoni li tespandi, stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat.

Fir-rigward tal-appoġġ għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji kritiċi tad-difiża skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (d), ta' dan l-Artikolu, il-parteciċipazzjoni għandha tkun limitata għal entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, fl-Ukrajna jew f'membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa. L-entitajiet ġuridiċi kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiż terz għajr l-Ukrajna jew membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa, jew minn entitajiet ġuridiċi ta' tali pajjiż terz għandhom jiġu esklużi mill-parteciċipazzjoni.

Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu, entità ġuridika stabbilita fl-Unjoni, jew f'membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa, u li tkun ikkontrollata minn pajjiż terz għajr l-Ukrajna jew membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa, jew minn entità ġuridika ta' pajjiż terz għajr l-Ukrajna jew membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa, għandha tkun eliġibbli biex tkun benefiċjarju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dment li l-garanziji jsiru disponibbli għall-Kummissjoni. Tali garanziji għandhom jiġu approvati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali tal-Istat Membru jew tal-membru taż-ŻEE assoċjat mal-Orizzont Ewropa li fih tkun stabbilita l-entità ġuridika, bħal miżuri adegwati skont l-iskrinjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li appoġġ għall-entità ġuridika ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif stabbilit fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni skont it-Titolu V tat-TUE, inkluż ir-rispett għall-prinċipju tar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Fir-rigward ta' appoġġ skont il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), (b) jew (c), ta' dan l-Artikolu b'applikazzjonijiet potenzjali b'użu doppju, il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi li jkun possibbli li tiġi limitata l-parteċipazzjoni għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti biss fl-Istati Membri jew għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati speċifikati flimkien mal-Istati Membri. Kwalunkwe limitazzjoni fuq il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati li jkunu membri taż-ŻEE għandha tikkonforma mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Għal raġunijiet debitament ġustifikati u eċċezzjonali, sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-programm ta' ħidma jista' jeskludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ġuridiċi ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati minn sejħiet individwali għal proposti, jew jagħmel il-parteċipazzjoni tagħhom soġġetta għal kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma.

Il-proposta tista' tiġi ppreżentata mill-benefiċjarju, jew, soġġett għal qbil minn qabel mill-benefiċjarju, minn persuna fiżika jew entità ġuridika waħda jew aktar, li jkollhom l-intenzjoni li jstabbilixxu jew jappoġġaw lil dak il-benefiċjarju. Fil-każ tal-aħħar, il-ftehim ta' finanzjament għandu jiġi ffirmat biss mal-benefiċjarju.

** Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj>).”.*

Artikolu 3

Ir-Regolament (UE) 2021/697 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Pajjiżi assoċjati

Il-Fond għandu jkun miftuħ għall-parteciġazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin (pajjiżi assoċjati):

(a) *il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-ŻEE, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;*

(b) l-Ukrajna, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna.”;

(2) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 6

Appoġġ għal teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża

1. **Il-Fond għandu jappoġġa** azzjonijiet li jwasslu għall-iżvilupp ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża fl-oqsma ta' intervent definiti fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 24.
2. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-forom l-aktar xierqa ta' finanzjament, kriterji u proċeduri tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni, u implimentazzjoni għal teknoloġiji rivoluzzjonarji għad-difiża.”;

(3) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 8a

Finanzjament kumulattiv u trasferimenti ta' riżorsi

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni **mill-Fond**, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess spejjeż. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi prorata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
2. Ir-riżorsi allokatil lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti **għall-Fond**, soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* . Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** jew indirettament f'konformità mal-punt (c) ta' dak is-subparagrafu. Tali riżorsi għandhom **jiġu implimentati** għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat **u f'konformità mar-regoli tal-Fond**.

3. Ir-riżorsi trasferiti f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 13(2) , jintużaw għall-fini ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' azzjonijiet eliġibbli *msemija fl-Artikolu 10(3), il-punti (e) sa (h)*, sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
4. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għar-riżorsi trasferiti f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u fi kwalunkwe każ sat-30 ta' Settembru 2027, ir-riżorsi mhux impenjati korrispondenti jistgħu jiġu trasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar, fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060.
5. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali **għall-Fond**. Tali kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punt (a), (d) jew (e), jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

* Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

** Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>)." .

Artikolu 4

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-għanijiet ġenerali tal-FNE huma li tibni, tiżviluppa, timmodernizza, tlesti u tagħmel reżiljenti n-networks trans-Ewropej fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, u li tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li tqis l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul u tal-għanijiet għaż-żieda fil-kompetittività Ewropea; it-kabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; il-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika; u l-aċċess għas-suq intern, u l-integrazzjoni tiegħu, b'enfasi fuq l-iffaċilitar tas-sinerġiji fost is-setturi tat-trasport, tal-enerġija u diġitali.”;

(b) *fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

■

“(c) fis-settur diġitali: li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta’ proġetti ta’ interess komuni relatati mat-tħaddim ta’, u mal-aċċess għal, networks diġitali sikuri u siguri, b’kapaċità għolja ħafna, inkluż sistemi 5G, għall-istabbiliment u t-tħaddim ta’ kapaċitajiet diġitali bħall-cloud, l-IA, **il-fabbriki tal-IA** u l-Gigafabbriki tal-IA, għaż-żieda fir-reżiljenza u fil-kapaċità tan-networks ċentrali diġitali fit-territorji tal-Unjoni billi tgħaqqadhom ma’ territorji ġirien, kif ukoll mad-diġitalizzazzjoni tan-networks tat-trasport u tal-enerġija.”;

(2) fl-Artikolu 8(4), jiżdied il-punt li ġej:

“(f) proġetti ta’ interess komuni li jikkontribwixxu għall-istabbiliment u t-tħaddim jew l-aġġornament sinifikanti tal-kapaċitajiet diġitali, inklużi l-cloud, l-IA, **il-fabbriki tal-IA** u l-Gigafabbriki tal-IA għandhom jingħataw prijorità sa fejn jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjoni, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u dik diġitali li huma kritiċi **għall-funzjonament tajjeb** tas-suq intern.”;

(3) *l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:*

(a) *fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

“Attivitajiet speċifiċi f’azzjoni skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, jistgħu jinkludu, fejn rilevanti, miżuri li jissalvagwardjaw l-infrastruttura għal użu doppju tad-difiża u dak ċivili fir-rigward ta’ kontromobbiltà militari jew li jipprovdu infrastruttura tal-fjuwil għal attivitajiet tat-trasport b’użu doppju tad-difiża u dak ċivili.”;

(b) *il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:*

(i) *il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“(d) azzjonijiet li jappoġġaw il-protezzjoni, it-tħaddim ta’ networks ċentrali ġodda jew l-aġġornament sinifikanti ta’ networks ċentrali eżistenti, jew it-tiswija tagħhom, inkluż b’kejbils sottomarini, fl-Istati Membri u bejniethom u bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, bħall-azzjonijiet elenkati fil-Parti V, il-punt 3, tal-Anness, kif ukoll azzjonijiet oħrajn li jappoġġaw it-tħaddim tan-networks ċentrali msemmijin f’dak il-punt;”;

(ii) *jiżdied il-punt li ġej:*

*“(f) azzjonijiet li jappoġġaw l-istabbiliment u t-tħaddim ta’ kapaċitajiet diġitali fil-cloud, l-IA, **il-fabbriki tal-IA** u l-Gigafabbriki tal-IA.”;*

(4) fl-Artikolu 15(2), jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ba) soġġett għat-trasferiment tar-riżorsi meħtieġa għall-FNE fil-kuntest tar-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-programmi skont ir-Regolamenti (UE) 2021/1058* u (UE) 2021/1056** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont l-Artikolu 4(13) ta’ dan ir-Regolament, għal xogħlijiet relatati mal-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a)(ii), ta’ dan ir-Regolament, japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) ir-rati ta’ kofinanzjament jistgħu jiżdiedu ***b’10 punti perċentwali ogħla mir-rata ta’ kofinanzjament imsemmija fil-punt (b)***;
- (ii) l-azzjonijiet huma intitolati għal pagament ta’ prefinanzjament li jirrappreżenta mill-inqas **20 %** tal-ammont allokat fil-ftehim ta’ għotja;

- (iii) L-azzjonijiet għandhom jinsabu f' wieħed jew aktar mill-erba' Kurituri tal-Mobbiltà Militari Prijoritarji tal-UE li ġew identifikati mill-Istati Membri fl-Anness II tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha, *inklużi ċ-ċentri loġistiċi u s-sezzjonijiet transfruntiera ta' dawk il-kurituri*, u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-infrastruttura kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1328*** u *kundizzjonijiet speċifiċi għal parteċipazzjoni fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni għal tali azzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****;*

■ * *Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231 30.6.2021, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj>).*

** *Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj>).*

*** *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1328 tal-10 ta' Awwissu 2021 li jispeċifika r-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għal ċerti kategoriji ta' azzjonijiet ta' infrastruttura b'użu doppju skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 288, 11.8.2021, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1328/oj).*

**** *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).*”

L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/795 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, il-punt (a) ■ , jiżdied il-punt li ġej:

“(iv) teknoloġiji tad-difiża.”;

(2) ***il-paragrafu 2, il-punt (b), huwa sostitwit b’dan li ġej:***

“(b) ***huma jikkontribwixxu għat-tnaqqis jew għall-prevenzjoni tad-dipendenzi strateġiċi u l-vulnerabbiltajiet tal-Unjoni.***”;

(3) ***il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:***

“7. ***Sat-2 ta’ Meju 2024, il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida dwar kif it-teknoloġiji fis-setturi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta’ dan l-Artikolu jistgħu jitqiesu kritiċi kif ukoll dwar kif jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu. F’dik il-gwida, il-Kummissjoni għandha tiċċara l-kunċett ta’ katina tal-valur u servizzi assoċjati kritiċi u speċifiċi għall-iżvilupp jew għall-manifattura tal-prodotti finali msemmija fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu. Sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha taġġorna dik il-gwida biex tkopri s-settur stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-punt (a)(iv). Dik il-gwida għandha tiġi rieżaminata, fejn xieraq, fid-dawl tar-rapport ta’ evalwazzjoni interim imsemmi fl-Artikolu 8.***”.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
